**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 2 ta' Mejju, 2019**

**Talba Nru:461/2018PM1**

**Strand Palace Agencies Limited (C3838)**

**Vs**

**Joseph Sammut**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta' Settembru, 2018 illi l-intimat ghandu jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija, disgha u tmenin euro u tlieta u erbghin centezmi (€489.43) rapprezentanti bilanc dovut minnu lis-socjeta` attrici fir-rigward ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata (skont Dok. 'A' anness mal-avviz) bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra ufficjali numru 959/17 mahruga taht l-art. 166A tal-Kap. 12 u bl-imghax legali mit-3 t'Ottubru, 2016 data tal-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra d-dokument ossija *statement of account* anness mal-avviz.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat bl-Avviz, ghazel li ma jikkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u, filwaqt li deher, debitament assistit, ghas-seduta tal-lum informa lit-Tribunal li kien intahaq ftehim bejnu u s-socjeta` attrici kif verbalizzat waqt l-istess seduta.

Ra ghaldaqstant li, matul is-seduta tal-lum, il-partijiet iddikjaraw li lahqu ftehim bejniethom fis-sens illi l-intimat ihallas lis-socjeta` attrici is-somma mitluba permezz ta' pagamenti mensili ta' hamsin euro (€50) kull wiehed bl-ewwel skadenza pagabbli fl-ahhar ta' Mejju, 2019 u kull l-ahhar tax-xahar sussegwenti sakemm jigi saldat l-ammont kollu mitlub, li ebda imghax ma jiddekorri sakemm l-intimat ikun puntwali fil-pagament dovuti minnu u wkoll li s-sentenza odjerna tkun tista' tigi ezegwita fir-rigward tas-somma kollha f'kaz li l-intimat ikun moruz imqar f'pagament wiehed bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet u li in vista ta' tali ftehim il-kawza giet posposta ghas-sentenza .

Illi t-transazzjoni hija definita bl-Art 1718 tal-Kap 16 bhala "*kuntratt li bih il-partijiet, b'xi haga li jaghtu, iwieghdu, jew izommu, jaghtu tmiem ghall-kawza mibdija, jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir*"

Intqal mill-Qrati taghna li hekk kif transazzjoni li tkun valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi "*ghandha l-effett ta' sentenza li tghaddi f`gudikat u ghalhekk it-transazzjoni hi parifikata ghal sentenza*" (**Kollez. Vol. XXXIV.III.900**), verbal tal-partijiet waqt kawza ghandu l-istess effett kontrattwali (**Direttur tal-Agrikoltura vs Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu 1987).

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, partikolarment il-ftehim milhuq bejn il-partijiet kif verbalizzat waqt is-seduta tal-lum, liema ftehim in kwantu jammonta ghal transazzjoni ghandu jigi inkorporat fis-sentenza odjerna. Ikkunsidra wkoll li, fir-rigward tal-imghaxijiet, filwaqt li ntlahaq ftehim li dawn ma jiddekorrux sakemm l-intimat ikun puntwali fil-pagamenti dovuti minnu, in-natura tal-kreditu huwa wiehed kummercjali ai fini tal-art. 1141 tal-**Kodici Civili**.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta ammessa min-naha tal-intimat, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta` attrici is-somma mitluba ta' erba' mija, disgha u tmenin euro u tlieta u erbghin centezmi (€489.43) u dana permezz ta' pagamenti mensili ta' hamsin euro (€50) kull wiehed bl-ewwel skadenza pagabbli sa mhux aktar tard mil-31 ta' Mejju, 2019 u kull l-ahhar tax-xahar sussegwenti sakemm jigi saldat l-ammont kollu mitlub b'dana illi ebda imghax ma

jiddekorri sakemm l-intimat ikun puntwali fil-pagament dovuti minnu u wkoll li s-sentenza odjerna tkun tista' tigi ezegwita kontra l-istess intimat fir-rigward tas-somma kollha u bl-imghaxijiet li jkunu iddekorru mid-data tal-10 t'Ottubru, 2016 f'kaz li l-intimat ikun moruz imqar f'pagament wiehed. Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**